B 2021

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,275, 4 ta' Ottubru, 2019
Taqsima B

A.L. 252 tal-2019

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 48 u 75 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2019 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħdax-il Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "il-Ħdax-il Skeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/1910 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-armonizzazzjoni u simplifikazzjoni ta' ċerti regoli tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2020.

Jemenda l-partita 1 tal-Ħdax-il Skeda.

2. Fil-paragrafu (j) tas-subpartita (1) tal-partita 1 tal-Ħdax-il Skeda, il-kliem "mas-servizzi provduti." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mas-servizzi provduti;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-paragrafu (k) ġdid li ġej:

"(k) (i) reġistru ta' merkanzija trasferita skont arranġamenti ta' *call-off stock* imsemmija fil-partita 17A tat-Tieni Skeda li jippermetti lill-Kummissarju jivverifika l-applikazzjoni korretta tar-regoli skond id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija partita 17A tat-Tieni Skeda; u

(ii) reġistru ta' merkanzija li ġiet fornuta lilha skont arranġamenti ta' *call-off stock* imsemmija fil-partita 17A tat-Tieni Skeda.".